MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 14/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Angelus Said, ta' 54 sena, iben Joseph u Rita nee' Grech, imwieled Nadur (Ghawdex) Malta, nhar it-3 ta' Frar, 1955, residenti fil-fond Nru. 66, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 13055(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Angelus Said li gie akkuzat:

**1) Talli: sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub**

**ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra HBC698;**
**2) U talli: fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtortia' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu minn road licence F403848, tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBC698;**
**3) U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Datsun Sunny bin-numru tar-registrazzjoni BBF782, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'licenzja jew polza tal-assikurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni.**

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet il-provi ;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semghet l-ammissjoni li giet ri-affermata;

Semghet trattazzjoni dwar piena;

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fatt illi l-fedina penali tieghu m'hijiex wahda allarmanti;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 3 Kap 104, l-artikolu 15(1) (a) (3) Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 Kap 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza ;

Il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------